MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-7 ta' April, 2003

Talba Numru. 2444/2002

**International Automobiles Limited**

**Vs**

**Joseph u Rita Gatt**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta' Lm322.98c (tlett mija u tnejn u ghoxrin lira Maltin u tmienja u disghin centezmu) dovuti skond sitt (6) kambjali li gew iffirmati mill-konvenuti u li skaddew, izda baqghu ma thallsux u dana nonostante li gew diversi drabi interpellati.

Bl-ispejjez komprisi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 17 ta' Settembru, 2002 u tal-parir Lm15.00c (hmistax il-lira Maltin) kontra l-konvenuti u bl-imghax kontra l-istess konvenuti mid-data ta' kull skadenza, u li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ra n-nota pprezentata fil-24 ta' Jannar, 2003 li biha giet ceduta s-sorte u nzamm ferm il-kap ta' l-ispejjez.

Ra li l-konvenuti baqghu kontumaci;

Sema' li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici, ghall-ispejjez u l-interessi skond il-Ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------